

Motiv invokat

— Ksur tal-Artikolu 7(1)(b) tar-Regolament (UE) 2017/1001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill.

Rikors ippreżentat fit-28 ta' Lulju 2020 – Sfera Joven vs EUIPO – Koc (SFORA WEAR)

(Kawża T-493/20)

(2020/C 320/58)

Lingwa tar-rikors: l-Ispanjol

Partijiet

Rikorrenti: Sfera Joven, SA (Madrid, Spanja) (rappreżentant: J.L. Rivas Zurdo, avukat)

Konvenut: L-Uffiċċju tal-Proprjetà Intellettuali tal-Unjoni Ewropea (EUIPO)

Parti oħra quddiem il-Bord tal-Appell: Andrzej Koc (Kobyłka, il-Polonja)

Informazzjoni dwar il-proċedimenti quddiem l-EUIPO

Applikant għat-trade mark kontenzjuża: il-parti l-oħra quddiem il-Bord tal-Appell

Trade mark kontenzjuża kkonċernata: Applikazzjoni għat-trade mark verbali tal-Unjoni SFORA WEAR – Applikazzjoni għal reġistrazzjoni Nru 15 853 245

Proċedimenti quddiem l-EUIPO: proċedimenti ta' oppożizzjoni

Deċiżjoni kkontestata: id-deċiżjoni tal-Ewwel Bord tal-Appell tal-EUIPO tal-15 ta' Mejju 2020 fil-Każ R 2030/2019-1

Talbiet

Ir-rikorrenti titlob li l-Qorti Ġenerali jogħġobha:

- tannulla d-deċiżjoni kkontestata, ladarba billi tiċħad l-appell tal-persuna li tressaq l-oppożizzjoni tikkonferma d-deċiżjoni tad-Diviżjoni tal-Oppożizzjoni mogħtija fil-proċedimenti ta' oppożizzjoni B 2 834 862, li tilqa' parzjalment it-trade mark tal-Unjoni Ewropea Nru 15 853 245 SFORA WEAR (verbali) sabiex tidentifika prodotti speċifiċi fil-klassijiet 18 u 25.
- tikkundanna lill-parti jew lill-partijiet opposti għall-ispejjeż.

Motivi invokati

- Evalwazzjoni inadegwata tal-provi ta' użu tat-trade mark li għaliha tressqet l-oppożizzjoni u ksur tal-Artikolu 10(4) tar-Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni (UE) 2018/625.
- Ksur tal-Artikolu 8(1)(b) tar-Regolament (UE) 2017/1001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u vjolazzjoni tal-kriterji tal-Klassifikazzjoni previsti mill-Ftehim ta' Nice dwar il-klassifikazzjoni internazzjonali ta' prodotti u servizzi għall-finijiet tar-reġistrazzjoni ta' trade marks, tal-15 ta' Ġunju 1957 (kif rivedut u emendat), u n-Nota ta' Spjega tiegħu u l-Analiżi tal-imsemmija klassifikazzjoni magħmula mill-WIPO.